REGOLAMENT TA' DELEGA TAL-KUMMISSJONI (UE) 2015/1778

tal-25 ta' Ġunju 2015

li jistabbilixxi miżuri ta' konservazzjoni tas-sajd għall-protezzjoni ta' żoni bi strutturi ta' skollijiet f'ilmijiet taħt is-sovranità tad-Danimarka fil-Baħar Baltiku u l-Kattegat

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar il-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1954/2003 u (KE) Nru 1224/2009 u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 u (KE) Nru 639/2004 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/585/KE ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 11 tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-rakkomandazzjoni konġunta mid-Danimarka, il-Ġermanja u l-Iżvezja,

Billi:

(1) Skont l-Artikolu 11 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, l-Istati Membri jingħataw is-setgħa li jadottaw miżuri ta' konservazzjoni tas-sajd fl-ilmijiet tagħhom li huma meħtieġa għall-fini tal-konformità mal-obbligi tagħhom skont il-leġiżlazzjoni ambjentali tal-Unjoni, inkluż l-Artikolu 6 tad-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE ([2]).

(2) L-Artikolu 6 tad-Direttiva 92/43/KEE jitlob lill-Istati Membri biex jistabbilixxu l-miżuri ta' konservazzjoni meħtieġa għaż-żoni speċjali ta' konservazzjoni li jikkorrispondu mar-rekwiżiti ekoloġiċi tat-tipi ta' ħabitats naturali u speċijiet li jinsabu fis-siti. Jirrikjedi wkoll li l-Istati Membri jieħdu passi xierqa biex jevitaw, fiż-żoni speċjali ta' konservazzjoni, it-tagħwir tal-ħabitats naturali u l-ħabitati tal-ispeċijiet u anki t-tħarbit sinifikanti tal-ispeċijiet li għalihom ġew innominati ż-żoni.

(3) Id-Danimarka tikkunsidra li, għall-iskop ta' konformità mal-Artikolu 6 tad-Direttiva 92/43/KEE, għandhom jiġu adottati miżuri ta' konservazzjoni f'ċerti oqsma taħt is-sovranità tagħha fil-Kattegat u fil-Baħar Baltiku. Jekk il-miżuri ta' konservazzjoni tas-sajd meħtieġa jaffettwaw is-sajd ta' Stati Membri oħra, l-Istati Membri jistgħu jippreżentaw dawn il-miżuri f'rakkomandazzjonijiet konġunti lill-Kummissjoni.

(4) Il-Ġermanja u l-Iżvezja għandhom interess ta' ġestjoni diretta fis-sajd li se jiġi affettwat minn tali miżuri. B'konformità mal-Artikolu 11(3) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, id-Danimarka pprovdiet il-Ġermanja u l-Iżvezja bl-informazzjoni rilevanti dwar il-miżuri mitluba, inkluż ir-raġunijiet għalihom, l-evidenza xjentifika li tappoġġahom u dettalji dwar l-implimentazzjoni u l-infurzar tagħhom fil-prattika.

(5) Fit-13 ta' Marzu 2015, id-Danimarka, il-Ġermanja u l-Iżvezja ppreżentaw lill-Kummissjoni żewġ rakkomandazzjonijiet konġunti dwar miżuri ta' konservazzjoni tas-sajd biex jipproteġu l-istrutturi tal-iskollijiet fis-siti Daniżi tan-Natura 2000. Dawn ir-rakkomandazzjonijiet kienu ppreżentati wara konsultazzjoni mal-partijiet interessati, il-Kunsill Konsultattiv għall-Baħar Baltiku u l-Kunsill Konsultattiv tal-Baħar tat-Tramuntana

(6) Il-miżuri rakkomandati jikkonċernaw seba' siti tan-Natura 2000 fil-Baħar Baltiku u tliet siti fil-Kattegat. Dawn jinkludu projbizzjoni ta' attivitajiet tas-sajd b'irkaptu mobbli li jiġi f'kuntatt mal-qiegħ f'żoni ta' skollijiet kif ukoll il-projbizzjoni tal-attivitajiet kollha tas-sajd f'żoni ta' skollijiet li jbaqbqu.

(7) Fil-pariri Xjentifiċi tiegħu, il-Kumitat Xjentifiku, Tekniku u Ekonomiku dwar is-Sajd ("STECF") ([3]) stqarr li l-għanjiet tal-konservazzjoni fi ħdan żoni speċjali msemmija fir-rakkomondazzjonijiet konġunti ma jistgħux jintlaħqu kompletament mingħajr miżuri xierqa li jipprevjenu l-attività tas-sajd f'dawn iż-żoni.

([1]) ĠU L 354, 28.12.2013, p. 22.
([2]) Id-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE tal-21 ta' Mejju 1992 dwar il-konservazzjoni tal-ħabitats naturali u tal-fawna u l-flora selvaġġa (ĠU L 206, 22.7.1992, p. 7).
([3]) http://stecf.jrc.ec.europa.eu/documents/43805/991908/STECF-PLEN-15-01_JRCxxx.pdf

(8) L-attivitajiet tas-sajd tal-qiegħ b'irkaptu mobbli li jiġi f'kuntatt mal-qiegħ għandhom impatt negattiv fuq il-ħabitats tal-iskollijiet, peress li attività bħal din taffettwa kemm l-istrutturi tal-iskollijiet kif ukoll il-bijodiversità misjuba fl-iskollijiet. Għalhekk, il-projbizzjoni tas-sajd bi rkaptu bħal dan fiż-żoni ta' skollijiet rilevanti, kif stipulata fl-abbozz ta' rakkomandazzjonijiet konġunti, għandha tiġu inkluża f'dan ir-Regolament.

(9) L-iskollijiet li jbaqbqu huma strutturi partikolarment fraġli u kwalunkwe impatt fiżiku jhedded l-istatus ta' konservazzjoni tagħhom. Għalhekk, il-projbizzjoni tal-attivitajiet kollha tas-sajd fiż-żoni rilevanti ta' skollijiet li jbaqbqu, kif stipulata fl-abbozz tar-rakkomandazzjonijiet konġunti, għandha tiġi inkluża f'dan ir-Regolament.

(10) L-STECF jidentifika xi tħassib fir-rigward tal-kontroll u l-infurzar ta' miżuri ta' konservazzjoni u miżuri ta' kontroll addizzjonali jistgħu jkunu xierqa. Skont l-Artikolu 5 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 ([1]). L-Istati Membri huma meħtieġa li jadottaw miżuri xierqa, jallokaw riżorsi xierqa u jwaqqfu l-istrutturi meħtieġa għall-iżgurar tal-kontroll, tal-ispezzjoni u l-infurzar tal-attivitajiet li jitwettqu fl-ambitu tal-Politika Komuni tas-Sajd (PKS). Dan jista' jinkludi miżuri, bħar-rekwiżit tas-sottomissjoni tal-pożizzjonijiet VMS bi frekwenza ikbar mill-bastimenti kollha kkonċernati jew l-identifikazzjoni taż-żoni bħala ta' riskju għoli f'sistema ta' kontroll nazzjonali abbażi tal-ġestjoni tar-riskju, li tindirizza t-tħassib tal-STECF.

(11) Huwa xieraq li tiġi żgurata l-evalwazzjoni tal-miżuri stabbiliti minn dan ir-Regolament, b'mod partikolari fir-rigward tal-kontroll tal-konformità ma' projbizzjonijiet tas-sajd.

(12) Il-miżuri ta' konservazzjoni tas-sajd stabbiliti b'dan ir-Regolament huma mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe miżuri ta' ġestjoni oħra eżistenti jew futuri li jimmiraw lejn il-konservazzjoni tas-siti kkonċernati, inklużi miżuri ta' konservazzjoni tas-sajd,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Suġġett u kamp ta' applikazzjoni

1. Dan ir-Regolament jistabbilixxi l-miżuri ta' konservazzjoni tas-sajd meħtieġa għall-konformità mal-obbligi skont l-Artikolu 6 tad-Direttiva 92/43/KEE.

2. Dan ir-Regolament japplika għal bastimenti tas-sajd li jtajru l-bandiera tad-Danimarka, il-Ġermanja u l-Iżvezja ("l-Istati Membri kkonċernati") f'ilmijiet taħt is-sovranità tad-Danimarka fil-Baħar Baltiku u l-Kattegat.

Artikolu 2

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, minbarra dawk stipulati fl-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 u l-Artikolu 2 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 404/2011 ([2]), għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(a) "tagħmir ta' kuntatt mal-qiegħ" tfisser kwalunkwe rkaptu li ġej: xbieki tat-tkarkir tal-qiegħ, xbieki tat-tkarkir bit-travu, xbieki tat-tkarkir għal-lontri tal-qiegħ, xbieki tat-tkarkir tal-qiegħ bid-diriġenti, xbieki tat-tkarkir tal-qiegħ tal-par, xbieki tat-tkarkir għan-nefrops, xbieki tat-tkarkir għall-gambli, tartarun, tartarun tal-ankra Daniż, tartarun Skoċċiż, dgħajsa jew bastiment bit-tartarun u tal-ħama.

([1]) Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 tal-20 ta' Novembru 2009 li jistabbilixxi sistema Komunitarja ta' kontroll għall-iżgurar tal-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 847/96, (KE) Nru 2371/2002, (KE) Nru 811/2004, (KE) Nru 768/2005, (KE) Nru 2115/2005, (KE) Nru 2166/2005, (KE) Nru 388/2006, (KE) Nru 509/2007, (KE) Nru 676/2007, (KE) Nru 1098/2007, (KE) Nru 1300/2008, (KE) Nru 1342/2008 u li jħassar ir-Regolamenti (KEE) Nru 2847/93, (KE) Nru 1627/94 u (KE) Nru 1966/2006 (ĠU L 343, 22.12.2009, p. 1).

([2]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 404/2011 tat-8 ta' April 2011 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 li jistabbilixxi sistema Komunitarja ta' kontroll għall-iżgurar tal-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd (ĠU L 112, 30.4.2011, p. 1).

(b) "Żoni 1" tfisser iż-żoni ġeografiċi ddelinjati mit-tgħaqqid f'sekwenza tal-linji rombu tal-pożizzjonijiet elenkati fl-Anness I għal dan ir-Regolament, li għandhom jitkejlu skont is-sistema tal-koordinati WGS84.

(c) "Żoni 2" tfisser iż-żoni ġeografiċi ddelinjati mit-tgħaqqid f'sekwenza tal-linji rombu tal-pożizzjonijiet elenkati fl-Anness II għal dan ir-Regolament, li għandhom jitkejlu skont is-sistema tal-koordinati WGS84.

Artikolu 3

Projbizzjoni tas-sajd

1. Għandu jkun ipprojbit li titwettaq kwalunkwe attività tas-sajd b'irkaptu b'kuntatt mal-qiegħ fiż-Żoni 1.

2. Għandu jkun ipprojbit li titwettaq kwalunkwe attività tas-sajd fiż-Żoni 2.

3. Bastimenti tas-sajd li jkunu jġorru abbord kwalunkwe rkaptu b'kuntatt mal-qiegħ jistgħu jwettqu attivitajiet tas-sajd f'Żoni 1 bi rkapti oħra għajr dawk l-irkapti u jistgħu jgħaddu miż-Żoni 1, sakemm l-irkapti b'kuntatt mal-qiegħ ikunu marbuta sew u stivati b'konformità mal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 47 tar-Regolament (UE) Nru 1224/2009.

4. Bastimenti tas-sajd jistgħu jgħaddu miż-Żoni 2, sakemm kwalunkwe rkaptu abbord ikun marbut u stivat b'konformità mal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 47 tar-Regolament 1224/2009.

Artikolu 4

L-evalwazzjoni

1. L-Istati Membri kkonċernati għandhom jivvalutaw l-implimentazzjoni tal-miżuri stabbiliti fl-Artikolu 3 mhux aktar tard minn 18-il xahar wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, inkluż il-kontroll tal-konformità mal-projbizzjonijiet tas-sajd previsti fl-Artikolu 3.

2. L-Istati Membri kkonċernati għandhom jissottomettu rapport sommarju tal-valutazzjoni lill-Kummissjoni 19-il xahar wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 5

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2016.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-25 ta' Ġunju 2015.

Għall-Kummissjoni

Il-President

Jean-Claude JUNCKER

ANNESS I

Żoni 1: Il-koordinati ta' żoni ta' protezzjoni ta' skollijiet tal-għadma

1. **Munkegrund**

Punt	Latitudni N	Lonġitudni E
1S	55°57.190′	10°51.690′
2S	55°57.465′	10°51.403′
3S	55°57.790′	10°51.477′
4S	55°57.976′	10°52.408′
5S	55°57.985′	10°54.231′
6S	55°58.092′	10°54.315′
7S	55°58.092′	10°57.432′
8S	55°57.920′	10°57.864′
9S	55°57.526′	10°57.861′
10S	55°56.895′	10°57.241′
11S	55°57.113′	10°53.418′
12S	55°57.050′	10°53.297′
13S	55°57.100′	10°52.721′
14S	55°57.275′	10°52.662′
15S	55°57.296′	10°52.435′
16S	55°57.399	10°52.244′
17S	55°57.417′	10°52.116′
18S	55°57.251′	10°52.121′
19S	55°57.170′	10°51.919′
20S	55°57.190′	10°51.690′

2. **Hatterbarn**

Punt	Latitudni N	Lonġitudni E
1S	55°51.942′	10°49.294′
2S	55°52.186′	10°49.309′
3S	55°52.655′	10°49.509′
4S	55°52.676′	10°49.407′
5S	55°52.892′	10°49.269′

Punt	Latitudni N	Longitudni E
6S	55°52.974′	10°49.388′
7S	55°53.273′	10°49.620′
8S	55°53.492′	10°50.201′
9S	55°53.451′	10°50.956′
10S	55°53.576′	10°51.139′
11S	55°53.611′	10°51.737′
12S	55°53.481′	10°52.182′
13S	55°53.311′	10°52.458′
14S	55°53.013′	10°52.634′
15S	55°52.898′	10°52.622′
16S	55°52.778′	10°52.335′
17S	55°52.685′	10°52.539′
18S	55°52.605′	10°52.593′
19S	55°52.470′	10°52.586′
20S	55°52.373′	10°52.724′
21S	55°52.286′	10°52.733′
22S	55°52.129′	10°52.572′
23S	55°52.101′	10°52.360′
24S	55°52.191′	10°52.169′
25S	55°51.916′	10°51.824′
26S	55°51.881′	10°51.648′
27S	55°51.970′	10°51.316′
28S	55°51.976′	10°51.064′
29S	55°52.325′	10°50.609′
30S	55°52.647′	10°50.687′
31S	55°52.665′	10°50.519′
32S	55°52.091′	10°50.101′
33S	55°51.879′	10°50.104′
34S	55°51.810′	10°49.853′
35S	55°51.790′	10°49.482′
36S	55°51.942′	10°49.294′

3. **Ryggen**

Punt	Latitudni N	Lonġitudni E
1S	55°37.974′	11°44.258′
2S	55°37.942′	11°45.181′
3S	55°37.737′	11°45.462′
4S	55°37.147′	11°44.956′
5S	55°36.985′	11°45.019′
6S	55°36.828′	11°44.681′
7S	55°36.521′	11°44.658′
8S	55°36.527′	11°43.575′
9S	55°37.163′	11°43.663′
10S	55°37.334′	11°43.889′
11S	55°37.974′	11°44.258′

4. **Broen**

Punt	Latitudni N	Lonġitudni E
1S	55°11.953′	11°0.089′
2S	55°12.194′	11°0.717′
3S	55°12.316′	11°0.782′
4S	55°12.570′	11°1.739′
5S	55°12.743′	11°1.917′
6S	55°12.911′	11°2.291′
7S	55°12.748′	11°2.851′
8S	55°12.487′	11°3.188′
9S	55°12.291′	11°3.088′
10S	55°12.274′	11°3.108′
11S	55°12.336′	11°3.441′
12S	55°12.023′	11°3.705′
13S	55°11.751′	11°2.984′
14S	55°11.513′	11°2.659′
15S	55°11.390′	11°2.269′
16S	55°11.375′	11°2.072′
17S	55°11.172′	11°1.714′
18S	55°11.069′	11°0.935′

Punt	Latitudni N	Longitudni E
19S	55°11.099′	11°0.764′
20S	55°11.256′	11°0.588′
21S	55°11.337′	11°0.483′
22S	55°11.582′	11°0.251′
23S	55°11.603′	11°0.254′
24S	55°11.841′	11°0.033′
25S	55°11.953′	11°0.089′

5. **Ertholmene**

Punt	Latitudni N	Longitudni E
1S	55°19.496′	15°9.290′
2S	55°20.441′	15°9.931′
3S	55°20.490′	15°10.135′
4S	55°20.284′	15°10.690′
5S	55°20.216′	15°10.690′
6S	55°20.004′	15°11.187′
7S	55°19.866′	15°11.185′
8S	55°19.596′	15°11.730′
9S	55°19.820′	15°12.157′
10S	55°19.638′	15°12.539′
11S	55°19.131′	15°12.678′
12S	55°18.804′	15°11.892′
13S	55°18.847′	15°10.967′
14S	55°19.445′	15°9.885′
15S	55°19.387′	15°9.717′
16S	55°19.496′	15°9.290′

6. **Davids Banke**

Punt	Latitudni N	Longitudni E
1S	55°20.167′	14°41.386′
2S	55°20.354′	14°40.754′
3S	55°21.180′	14°39.936′
4S	55°22.000′	14°39.864′

Punt	Latitudni N	Longitudni E
5S	55°22.331′	14°39.741′
6S	55°22.449′	14°39.579′
7S	55°23.150′	14°39.572′
8S	55°23.299′	14°39.890′
9S	55°23.287′	14°40.793′
10S	55°23.011′	14°41.201′
11S	55°22.744′	14°41.206′
12S	55°22.738′	14°41.775′
13S	55°22.628′	14°42.111′
14S	55°22.203′	14°42.439′
15S	55°22.050′	14°42.316′
16S	55°21.981′	14°41.605′
17S	55°21.050′	14°41.818′
18S	55°20.301′	14°41.676′
19S	55°20.167′	14°41.386′

7. **Bakkebrædt & Bakkegrund**

Punt	Latitudni N	Longitudni E
1S	54°57.955′	14°44.869′
2S	54°58.651′	14°41.755′
3S	54°59.234′	14°41.844′
4S	54°59.458′	14°43.025′
5S	54°59.124′	14°44.441′
6S	54°59.034′	14°44.429′
7S	54°58.781′	14°45.240′
8S	54°58.298′	14°45.479′
9S	54°58.134′	14°45.406′
10S	54°57.955′	14°44.869′

8. **Herthas Flak**

Punt	Latitudni N	Longitudni E
1S	57°39.422′	10°49.118′
2S	57°39.508′	10°49.602′

Punt	Latitudni N	Longitudni E
3S	57°39.476′	10°49.672′
4S	57°39.680′	10°50.132′
5S	57°39.312′	10°50.813′
6S	57°39.301′	10°51.290′
7S	57°38.793′	10°52.365′
8S	57°38.334′	10°53.201′
9S	57°38.150′	10°52.931′
10S	57°38.253′	10°52.640′
11S	57°37.897′	10°51.936′
12S	57°38.284′	10°51.115′
13S	57°38.253′	10°50.952′
14S	57°38.631′	10°50.129′
15S	57°39.142′	10°49.201′
16S	57°39.301′	10°49.052′
17S	57°39.422′	10°49.118′

9. **Læsø Trindel & Tønneberg Banke**

Punt	Latitudni N	Longitudni E
1S	57°25.045′	11°6.757′
2S	57°26.362′	11°6.858′
3S	57°27.224′	11°9.239′
4S	57°26.934′	11°10.026′
5S	57°27.611′	11°10.938′
6S	57°28.053′	11°11.000′
7S	57°28.184′	11°11.547′
8S	57°28.064′	11°11.808′
9S	57°28.843′	11°13.844′
10S	57°29.158′	11°15.252′
11S	57°29.164′	11°16.861′
12S	57°29.017′	11°17.266′
13S	57°29.080′	11°17.597′
14S	57°28.729′	11°18.494′
15S	57°28.486′	11°18.037′

Punt	Latitudni N	Longitudni E
16S	57°28.258′	11°18.269′
17S	57°27.950′	11°18.239′
18S	57°27.686′	11°18.665′
19S	57°27.577′	11°18.691′
20S	57°27.525′	11°18.808′
21S	57°27.452′	11°18.837′
22S	57°27.359′	11°18.818′
23S	57°26.793′	11°17.929′
24S	57°27.984′	11°15.500′
25S	57°27.676′	11°14.758′
26S	57°25.998′	11°17.309′
27S	57°25.946′	11°17.488′
28S	57°26.028′	11°17.555′
29S	57°26.060′	11°17.819′
30S	57°26.011′	11°18.360′
31S	57°25.874′	11°18.666′
32S	57°25.683′	11°18.646′
33S	57°25.417′	11°18.524′
34S	57°25.377′	11°18.408′
35S	57°25.330′	11°18.039′
36S	57°25.175′	11°17.481′
37S	57°24.928	11°17.579′
38S	57°24.828′	11°17.366′
39S	57°24.891′	11°17.049′
40S	57°25.128′	11°17.118′
41S	57°25.249′	11°16.721′
42S	57°25.211′	11°16.592′
43S	57°25.265′	11°16.162′
44S	57°25.170′	11°15.843′
45S	57°25.245′	11°15.562′
46S	57°25.208′	11°15.435′
47S	57°25.278′	11°15.083′

Punt	Latitudni N	Longitudni E
48S	57°25.462′	11°15.059′
49S	57°25.517′	11°15.007′
50S	57°25.441′	11°14.613′
51S	57°25.610′	11°14.340′
52S	57°25.630′	11°14.119′
53S	57°25.629′	11°13.827′
54S	57°25.738′	11°13.658′
55S	57°25.610′	11°13.392′
56S	57°25.625′	11°13.176′
57S	57°25.933′	11°12.379′
58S	57°25.846′	11°11.959′
59S	57°25.482′	11°12.956′
60S	57°25.389′	11°13.083′
61S	57°25.221′	11°13.212′
62S	57°25.134′	11°13.221′
63S	57°25.031′	11°13.077′
64S	57°25.075′	11°12.751′
65S	57°24.817′	11°12.907′
66S	57°24.747′	11°12.862′
67S	57°24.616′	11°13.229′
68S	57°24.549′	11°13.240′
69S	57°24.347′	11°13.093′
70S	57°24.256′	11°13.288′
71S	57°24.145′	11°13.306′
72S	57°24.051′	11°13.138′
73S	57°23.818′	11°13.360′
74S	57°23.649′	11°13.280′
75S	57°23.553′	11°13.260′
76S	57°23.432′	11°13.088′
77S	57°23.416′	11°12.861′
78S	57°23.984′	11°9.081′
79S	57°25.045′	11°6.757′

10. **Lysegrund**

Punt	Latitudni N	Longitudni E
1S	56°19.367′	11°46.017′
2S	56°18.794′	11°48.153′
3S	56°17.625′	11°48.541′
4S	56°17.424′	11°48.117′
5S	56°17.864′	11°47.554′
6S	56°17.828′	11°47.265′
7S	56°17.552′	11°47.523′
8S	56°17.316′	11°47.305′
9S	56°17.134′	11°47.260′
10S	56°16.787′	11°46.753′
11S	56°16.462′	11°46.085′
12S	56°16.455′	11°43.620′
13S	56°17.354′	11°42.671′
14S	56°18.492′	11°42.689′
15S	56°18.950′	11°41.823′
16S	56°19.263′	11°41.870′
17S	56°19.802′	11°40.939′
18S	56°19.989′	11°41.516′
19S	56°18.967′	11°43.600′
20S	56°19.460′	11°44.951′
21S	56°19.367′	11°46.017′

ANNESS II

Żoni 2: Il-koordinati ta' żoni ta' protezzjoni ta' skollijiet li jbaqbqu

1. **Żona tal-iskoll li jbaqbaq ta' Herthas Flak**

Punt	Latitudni N	Lonġitudni E
1B	57°38.334′	10°53.201′
2B	57°38.15′	10°52.931′
3B	57°38.253′	10°52.64′
4B	57°38.237′	10°52.15′
5B	57°38.32′	10°51.974′
6B	57°38.632′	10°51.82′
7B	57°38.839′	10°52.261′
8B	57°38.794′	10°52.36′
9B	57°38.334′	10°53.201′

2. **Żona tal-iskoll li jbaqbaq ta' Lysegrund**

Punt	Latitudni N	Lonġitudni E
1B	57°27.496′	11°15.033′
2B	57°25.988′	11°17.323′
3B	57°25.946′	11°17.488′
4B	57°25.417′	11°18.524′
5B	57°25.377′	11°18.408′
6B	57°25.346′	11°18.172′
7B	57°25.330′	11°18.039′
8B	57°25.175′	11°17.481′
9B	57°24.928′	11°17.579′
10B	57°24.828′	11°17.366′
11B	57°24.891′	11°17.049′
12B	57°25.128′	11°17.118′
13B	57°25.249′	11°16.721′
14B	57°25.211′	11°16.592′
15B	57°25.263′	11°16.177′
16B	57°25.170′	11°15.843′
17B	57°25.240′	11°15.549′

Punt	Latitudni N	Longitudni E
18B	57°26.861′	11°15.517′
19B	57°26.883′	11°14.998′
20B	57°27.496′	11°15.033′